3 ta' Ottubru, 1953

Imħallef :

*L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.*

Salvatore Ellul, A. & C.E. *versus* Giuseppe Farrugia et.

**Perit — Arkitett u Inġinier Ċivili — War Damage Commission — Tariffa Speċjali — Tariffa "K" Annessa mal-Kap. 15 — Art. 8 tal-Kap. 72 (Ordinanza dwar l-Arkitetti) — Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 53 ta' l-1947.**

*It-tariffa speċjali kontemplata fin-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 53 ta' l-1947, għad-drittijiet li għandhom jitħallsu lill-arkitetti u inġinieri ċivili għax-xogħol u servizzi professjonali tagħhom dwar xogħlijiet ta' tiswija jew bini mill-ġdid li jsiru talba lill-War Damage Commission għall-ħsara tal-gwerra lill-bini, tirrigwarda materja speċjali li mhix kontemplata fit-tariffa "K" annessa mal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*Ix-xogħol tal-perit in konnessjoni ma' ħsara tal-gwerra mhux kontemplat f'dik it-tariffa "K", u għalhekk dak ix-xogħol għandu jitħallas skond it-tariffa speċjali, u mhux ukoll skond dik it-tariffa "K". Għaldaqstant il-perit ma huwiex intitolat li jeżiġi, barra l-onorarju tiegħu kif stabbilit fit-tariffa speċjali, anki dik il-perċentwali li taħt it-tariffa l-oħra huwa solitu li tiġi mħallsa mill-kuntrattur għall-kejl tax-xogħol li jkun sar.*

*Dik it-tariffa speċjali tapplika mhux biss fir-rapport bejn il-perit u l-"claimant", imma anki bejn il-perit u t-terzi, għax hija ta' applikazzjoni ġenerali.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur bl-avviż minnu preżentat fil-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, għall-kundanna tal-konvenuti li jħallsu solidalment bejniethom is-somma ta'

£10, drittijiet u spejjeż professjonali tagħha (recte "tiegħu") skond *id-dokument* annes *mać-ċitazzjoni (dok. A)*. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Lulju 1953, li *biha laqgħet* it-talba limitatament għal £8. 9. 2¼, iżda rrespingietha għall-bqija; bl-ispejjeż "pro rata" tar-rebħ u t-telf; billi kkunsidrat;

Illi *d*-drittijiet li l-attur qiegħed jitlob huma relativi għall-kejl ta' xogħlijiet ta' opri ta' muraturi u tibjid relativi għall-fondi *li tagħhom huwa kellu d-direzzjoni*, u li kienu ġew danneġġjati b'operazzjonijiet tal-gwerra. L-ammont huwa kalkulat bil-wieħed fil-mija fuq il-valur ta' l-istess xogħlijiet, u dana *billi* l-attur jallega illi, skond it-Tariffa "K" annessa mal-Liġijiet tal-Proċedura Ċivili, id-dritt għal dan il-kejl huwa tnejn fil-mija, li skond *il-prattika* kostanti jitħallsu kwantu għal wieħed fil-mija mis-sid u kwantu għal wieħed fil-mija mill-kuntrattur, billi din l-operazzjoni tal-kejl issir anki fl-interess *tal-kuntrattur,* biex ikun jista' jitħallas billi jitħallas fuq il-kejl tal-perit li jiddiriġi x-xogħol;

Il-konvenuti ma jinnegawx *li* ordinarjament il-kuntrattur iħallas 1% lill-perit tal-kejl, però jikkontestaw illi, meta x-xogħol ikun ta' war damage, il-kuntrattur għandu jħallas dan *il-wieħed fil-mija; u dan għaliex* id-dritt tal-perit huwa regolat minn tariffa publikata bin-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 53 ta' l-1947, u dan id-dritt jikkomprendi l-opera kollha li jipprest.a l-perit, u jiġi mħallas mill-War Damage Commission;

Għalhekk il-kawża timpernja ruħha fuq il-kwistjoni jekk b'dik it-tariffa speċjali *l-perit* huwiex intitolat li jeżiġi anki l-1% mill-kuntrattur;

Illi t-tariffa maħruġa bil-Goverment Notice 53 ġiet maħruġa *mill-Eċċellenza Tiegħu* l-Gvernatur in forza tal-poteri mogħtija lilu bl-art. 8 ta' l-Ordinanza dwar l-Arkitetti, li jiddisponi hekk :— "The Governor shall have power to make a tariff of fees payable to architects and civil engineers for professional works and services not included in tariff 'K' annex*ed to the Code of Organisation* and Civil Procedure, as well as to amend any tariff so made";

Illi, apparti l-kwistjoni tal-validità ta' dik *it-tariffa*, pe-

ress li l-prestazzjonijiet hemm regolati huma nkjużi fit-Tariffa "K" fuq imsemmija, mill-eżami ta' l-istess tariffa wieħed għandu jiġi għall-konklużjoni illi dik it-tariffa tirregola r-rapporti bejn il-perit minn naħa u s-sid li jkun għamel il-"claim" quddiem il-Kummissjoni mill-oħra; u ma hix intiża biex tirregola jew tolqot rapporti bejn partijiet oħrajn. Huwa veru dak li ssottometta d-difensur tal-konvenuti, illi dawk id-drittijiet huma "*inclusive of measuring*", u jinkludu "all such other ancillary and incidental service"; imma mill-kontest jidher illi dik it-tariffa qiegħda tirregola l-ħlas li għandu jagħmel is-sid, u li konsegwentement jiġu lilu rifużi mill-Kummissjoni. Dan jidher mill-ewwel paragrafu ta' l-istess tariffa u millkontest kollu, li dejjem isemmi "permissible amount", għaliex huwa dan li jinteressa l-Kummissjoni, u mhux x'ikun realment il-bini. Il-fatt, imbagħad, illi t-tariffa tinsisti li dak iddritt jinkludi anki l-kejl, huwa spjegabili għar-raġuni li, mentri t-Tariffa "K" fuq imsemmija tiffissa l-5% għas-sorveljanza tax-xogħol, u t-2% għall-kejl, separatament, mentri t-tariffa l-ġdida ffissat komplessivament is-6% fuq l-ewwel £1000, kien neċessarju li jiġi ndikat illi l-kejl kien kompriż f'dak id-dritt, imma ma jistax jiġi nterpretat fis-sens li ried ineħħi drittijiet li l-perit seta' kellu di fronti għal terzi persuni li r-rapporti tagħhom kienu estranei għall-iskopijiet ta' dak ir-regolament. Inoltre, il-fatt li dik it-tariffa ffissat 6%, li jikkorrispondu għal 5% biż-żieda ta' 1% għall-kejl, li skond il-prattika jħallas is-sid, jikkonferma li dik it-tariffa kienet intiża tirregola biss ir-rapport bejn il-perit u s-sid. Dan hu kollu koerenti għall-ispirtu li jinforma l-War Damage Ordinance, li hija dik li tirrimetti lis-sid danneġġjat fil-proprjetà fil-pożizzjoni li kien qabel, billi tirrifondilu l-ispejjeż li jagħmel biex jerġa' jpoġġi l-proprjetà tiegħu fl-istat ta' qabel. Għalhekk id-drittijiet tal-periti li l-Kummissjoni tirrifondi lis-sid (u li ġew regolati bit-tariffa "de qua agitur"), kellhom ikunu dawk li skond l-użu jħallas is-sid, u mhux anki dawk li jħallas terza persuna, li mal-Kummissjoni ma għandu ebda relazzjoni, la diretta u lanqas indiretta;

Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma *illi* d-dritt tal-perit li jeżiġi l-wieħed fil-mija mill-kuntrattur għall-kejl għandu jik-

koeżisti mad-dispożizzjonijiet tat-tariffa ta' l-1947 li rregolat biss id-dritt tal-kejl pagabili lill-perit mis-sid għall-fini tal-kumpens għal "war damage";

Illi relativament għall-ammont dovut lill-attur irriżulta..........;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti u ċ-ċitazzjoni tagħhom quddiem din il-Qorti, li biha talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata f'dik il-parti li biha ġiet milqugħa in parti t-talba ta' l-attur, u konfermata f'dik il-parti li biha t-talba ġiet miċħuda; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dak li rriteniet il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza, għar-raġunijiet li sejrin jingħadu;

It-tariffa speċjali kontenuta fin-Notifikazzjoni nru. 53 ta' l-1947 irregolat materja speċjali, li ġiet espressament enunċjata b'dawn il-kliem—"Tariffa ta' Drittijiet li għandhom jitħallsu lill-Arkitetti u Inġinieri Ċivili għax-xogħol u servizzi professjonali dwar xogħlijiet ta' tiswija jew bini mill-ġdid li fuqhom issir talba lill-Kummissjoni għall-Ħsara tal-Gwerra għal kumpens għall-ħsara tal-gwerra lill-bini";

Mhux biss din kienet materja speċjali, imma kienet ukoll (u dan hu fondamentali għal din il-kwistjoni) materja mhux kontemplata fit-Tariffa "K" (regolanti d-drittijiet tal-periti, annessa mal-Liġijiet Proċedurali—Kap. 15 Ediz. Riv.). Difatti, l-"enabling law" li taħtha saret in-Notifikazzjoni fuq imsemmija, ċjoè l-art. 8 tal-Kap. 72 (Ordinanza dwar l-Arkitetti) jagħti poter lill-Gvernatur li jagħmel tariffi tad-drittijiet li għandhom jitħallsu lill-Periti Arkitetti u Inġinieri Ċivili għax-xogħlijiet u attendenzi professjonali mhux imsemmija fit-Tariffa "K" fuq imsemmija. U verament il-materja ta' xogħol professjonali in konnessjoni ma' war damage ma hix imsemmija f'dik it-Tariffa "K";

Minn dan li ngħad biss tidher l-infondatezza tal-pretiża ta' l-attur. Infatti, kif jista' dan jippretendi li għal xogħol professjonali tiegħu in konnessjoni ma' war damage jitħallas mhux biss in bażi għat-tariffa speċjali tan-Notifikazzjoni, im-

ma anki in bażi għat-Tariffa "K", li ma tikkontemplax dak ix-xogħol, għax għalih hemm in-Notifikazzjoni, u li għalih ma kienx hemm, u ma setax legalment ikun hemm in-Notifikazzjoni, kieku dak ix-xogħol kien kontemplat fit-Tariffa "K"? Infatti, il-pożizzjoni hi din: il-leġislatur qal "jien sejjer nagħmel tariffa għall-periti għax-xogħol tagħhom ta' war damage, għax dan ix-xogħol mhux kontemplat fit-Tariffa 'K'." Kif jista' issa l-attur, għal xogħol tiegħu ta' war damage, jitlob drittijiet skond tariffa (ċjoè t-Tariffa "K") li "expressis verbis" ma tirregolax il-ħlas ta' dak ix-xogħol?;

Il-Maġistrat ipprospetta fis-sentenza appellata distinzjoni bejn il-perit vis-a-vis il-"claimant" u l-perit vis-a-vis terzi, u qal li t-tariffa speċjali tapplika biss di fronti għall-"claimant". Imma dan l-argument mhux aċċettabili; għax la n-Notifikazzjoni fuq imsemmija ma tagħmelx din id-distinzjoni, anzi kliema huwa ġenerali, lanqas tista' din id-distinzjoni tiġi deżunta mill-"enabling law", li anzi tirregola, fl-art. 8, id-drittijiet tal-periti bla ma tagħmel ebda distinzjoni. Anqas u anqas hu aċċettabili l-argument ta' l-Ewwel Qorti li s-sitta filmija, fissat fit-tariffa speċjali, jikkorrispondi għall-ħamsa filmija għas-sorveljanza tax-xogħol u l-wieħed fil-mija li soltu jitħallas is-sid tal-kejl; għax dak l-argument jaqa' appena wieħed jikkunsidra li, mentri t-Tariffa "K" ma tvarjax il-perċentwali, dik speċjali in segwitu tnaqqas il-perċentwali aktar ma jawmenta l-valur, u għalhekk għall-valuri oltre l-£1000 jispiċċa l-argument tal-korrispondenza tal-perċentwali (5% più 1%);

Jista' jiżdied ukoll li l-perit li jinkarika ruħu b'xogħol ta' war damage ma jistax jilmenta, għax jaf, jew imissu jaf, li sejjer jitħallas skond it-tariffa speċjali li tirregola x-xogħol ta' war damage;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu laqgħet in parti t-talba ta' l-attur, u tiċħad "in toto" t-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur appellat.